

Mistoqsija prioritarja għal tweġiba bil-miktub P-000402/2023

Ill-Kummissjoni

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

Martina Dlabajová (Renew), **Christian Ehler** (PPE), **Dan Nica** (S&D), **Izaskun Bilbao Barandica** (Renew), **Nicola Danti** (Renew), **Sandro Gozi** (Renew), **Bart Grootenhuis** (Renew), **Klemen Grošelj** (Renew), **Christophe Grudler** (Renew), **Martin Hojsík** (Renew), **Ondřej Kovařík** (Renew), **Elena Lízzi** (ID), **Marisa Matias** (The Left), **Karen Melchior** (Renew), **Ville Niinistö** (Verts/ALE), **Mauri Pekkarinen** (Renew), **Markus Pieper** (PPE), **Catharina Rinzema** (Renew), **Ivan Štefanec** (PPE), **Patrizia Toia** (S&D), **Nils Torvalds** (Renew), **Angelika Winzig** (PPE), **Carlos Zorrinho** (S&D), **Josianne Cutajar** (S&D)

Suġġett: L-involviment tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'Orizzont Ewropa

L-Artikolu 9 tar-Regolament li jistabbilixxi Orizzont Ewropa¹ jiddikjara li I-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) bħala punt uniku ta' servizz ġestit ċentralment għall-azzjonijiet ta' implimentazzjoni taħt il-Pilastru III (Ewropa Innovattiva).

B'mod partikolari, I-Artikolu 9.2 jiddikjara li "mill-inqas 70 % tal-baġit tal-EIC għandu jkun iddedikat għall-SMEs, inklużi negozji ġodda".

Barra minn hekk, fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, fl-att bażiku ġiet inkluża klawżola dwar kif jiġu allokatati I-EUR 5.4 biljun (I-Artikolu 13.2): "Għandha tingħata priorità lil SMEs innovattivi u għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-integrazzjoni tagħhom fil-proġetti kollaborattivi taħt il-Pilastru II."

1. Il-Kummissjoni se tipprovd data preciżha dwar I-istat attwali tal-parteċipazzjoni tal-SMEs f'Orizzont Ewropa?
2. Barra minn hekk, x'azzjonijiet ġew stabbiliti mill-Kummissjoni biex tiżgura li I-fondi pprovdu mill-EIC u minn NextGenerationEU jimmiraw b'mod konkret lejn I-SMEs (innovattivi)?

Imressqa: 9.2.2023

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi I-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u I-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013. ĠU L 170, 12.5.2021, p. 23.